

Rikors ippreżentat fit-18 ta' Ġunju 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika tal-Polonja

(Kawża C-223/09)

(2009/C 233/03)

Lingwa tal-kawża: Il-Pollakk

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: O. Beynet u M. Kaduczak)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Polonja

Talbiet

Il-Kummissjoni titlob li,

- jiġi ddikjarat li r-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont id-Direttiva 2005/89/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Jannar 2006, dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà fil-provvista tal-elettriku u tal-investiment fl-infrastruttura⁽¹⁾ billi naqset milli tadotta l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ma' din id-direttiva jew, f'kull każ, milli tikkomunikahom lill-Kummissjoni;
- tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva skada fl-24 ta' Frar 2008. Fil-mument tal-preżentata ta' dan ir-rikors, il-konvenuta kienet għadha ma adottatx id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex tittrasponi d-Direttiva jew, f'kull każ, kienet għadha ma kkomunikathomx lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 33, p. 22.

Rikors ippreżentat fl-24 ta' Ġunju 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika tal-Polonja

(Kawża C-228/09)

(2009/C 233/04)

Lingwa tal-kawża: Il-Pollakk

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: D. Triantafyllou u A. Stobiecka-Kuik, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Polonja

Talbiet

- tiddikjara li, billi inkludiet l-ammont tal-“opłata rejestracyjna” (taxxa ta' reġistrazzjoni) fl-ammont taxxabli tal-

VAT imposta fil-Polonja fuq il-provvista, l-akkwist intra-Komunitarju jew l-importazzjoni ta' karożza għall-użu personali, ir-Repubblika tal-Polonja ma wettqitx l-obbligi tagħha skont l-Artikoli 78, 79, 83 u 86 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud⁽¹⁾;

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

L-ilment imressaq f'dan ir-rikors jirrigwarda l-inklużjoni min-naħa tar-Repubblika tal-Polonja tal-ammont tat-taxxa ta' reġistrazzjoni fl-ammont taxxabli tal-VAT fil-każ meta l-provvista, l-akkwist intra-Komunitarju u l-importazzjoni ta' karożżi għall-użu personali mhux irreġistrati jseħħu f'dak l-Istat Membru.

Skont il-Kummissjoni hemm xebh fundamentali bejn it-taxxa/l-imposta Pollakka inkwistjoni f'din il-kawża u t-taxxa/l-imposta Daniża fil-Kawża C-98/05 *De Danske Bilimportører*. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li t-taxxa/l-imposta ta' reġistrazzjoni ma taqax taħt l-ammont taxxabli tal-VAT.

Il-Kummissjoni ssostni li s-sistema tal-ġbir tat-taxxa Pollakka ta' reġistrazzjoni fil-każ ta' tranżazzjonijiet suċċessivi li jirrigwardaw l-istess vettura qabel ir-reġistrazzjoni tindika li essenzjalment din hija taxxa/imposta ta' reġistrazzjoni u mhux taxxa fuq il-bejgħ, hekk kif tafferma r-Repubblika tal-Polonja. Il-persuna taxxabli tista' għalhekk tnaqqas l-ammont tat-taxxa ta' reġistrazzjoni mill-ammont tat-taxxa dovuta. Dan ifisser li fl-aħħar mill-aħħar, permezz tas-sistema ta' tnaqqis tat-taxxa imħallsa qabel, it-taxxa/l-imposta tinġabar darba biss.

Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-argument tar-Repubblika tal-Polonja li l-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa ta' reġistrazzjoni huwa l-bejgiegħ, dak li jagħmel akkwist intra-Komunitarju jew l-importatur tal-karożza u mhux il-persuna li fisimha ġiet irreġistrata l-karożza.

⁽¹⁾ ĠU L 347, p. 1.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Najvyšší súd Slovenskej republiky, Slovakkja fit-3 ta' Lulju 2009 — Lesoochranárske Zoskupenie VLK vs Ministerstvo životného prostredia Slovenskej republiky

(Kawża C-240/09)

(2009/C 233/05)

Lingwa tal-kawża: Is-Slovakk

Qorti tar-rinviju

Najvyšší súd Slovenskej republiky, Slovakkja

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Lesoochranárske Zoskupenie VLK

Konvenut: Ministerstvo životného prostredia Slovenskej republiky